



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Settembru 2020
(OR. en)

10631/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0042(COD)

AVIATION 155

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Settembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 558 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL skont l-Artikolu 10a(5) tar-Regolament (UE) 2020/459 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r- Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 dwar ir-regoli komuni għall- allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità.

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 558 final.

Mehmuż: COM(2020) 558 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.9.2020
COM(2020) 558 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

skont l-Artikolu 10a(5) tar-Regolament (UE) 2020/459 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità.

WERREJ

1.	INTRODUZZJONI	2
2.	TNAQQIS MINGĦAJR PREĊEDENT FIT-TRAFFIKU TAL-AJRU	3
a.	Tnaqqis fil-livell tat-traffiku tal-ajru bejn l-2019 u l-2020 (perjodu korrispondenti) ...	3
b.	It-tnaqqis fit-traffiku tal-ajru ġie kkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19	5
c.	It-tnaqqis fit-traffiku tal-ajru x'aktarx jippersisti fil-futur prevedibbli	6
3.	IŻ-ŻAMMA TAL-AĦJAR UŻU POSSIBBLI TAL-KAPAĊITÀ TAL-AJRUPORTI.....	8
4.	KONKLUŻJONIJIET	10

1. Introduzzjoni

Sa mill-bidu tal-2020, il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt negattiv profund fuq it-trasport bl-ajru fl-Ewropa u madwar id-dinja. F'Ġunju 2020, l-IATA ħabbret li huwa mistenni li l-linji tal-ajru jġarrbu telf nett mingħajr preċedent ta' \$83.4 biljun (marġni nett ta' 3.2 %) fl-2020¹. Il-miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa u r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar li rriżultaw u li ġew introdotti mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi b'reazzjoni għall-pandemija naqqsu bi kbir id-domanda u l-fiduċja tal-konsumaturi, li min-naħa tiegħu wassal għal tnaqqis rekord u fit-tul fit-traffiku tal-ajru fl-Unjoni Ewropea². L-għadd ta' titjiriet operati fl-ispazju tal-ajru Ewropew naqas b'sa 90 % minn Marzu sa April 2020, meta mqabbel mal-istess perġodu fl-2019³. L-ajruporti tal-Ewropa xorta mmaniġġjaw aktar minn 5 miljun passiġġier fl-1 ta' Marzu 2020 iżda dak in-numru kien naqas għal 174,000 biss sal-31 ta' Marzu 2020 (inqas, b'-97.1 % meta mqabbel mal-istess jum fl-2019). Fis-26 ta' Lulju 2020, iċ-ċifra kienet ta' -72 % meta mqabbel mal-istess ġurnata fl-2019⁴.

Fit-30 ta' Marzu 2020, l-UE adottat ir-Regolament (UE) 2020/459 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 95/93 (ir-Regolament dwar is-Slots) biex tipprovdi lil-linji tal-ajru b'eżenzjoni mill-hekk imsejħa regola "tużah jew titilfu". Skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar is-Slots, li jinqara flimkien mal-Artikolu 10(2), it-trasportaturi tal-ajru iridu jużaw mill-inqas 80 % tas-serje ta' slots allokat lihom, jew jitolfu l-preċedenza storika għal dawn is-slots. L-emenda tneħħi r-rekwiżit tal-użu għal parti mill-istaġun ta' skedar għax-xitwa 2019/2020 u għall-istaġun ta' skedar għas-sajf 2020, li jibqa' għaddej sal-24 ta' Ottubru 2020. L-għan tal-emenda kien li tipproteġi s-saħħa finanzjarja tat-trasportaturi tal-ajru u tevita l-impatt ambjentali negattiv ta' titjiriet vojta jew fil-maġġoranza tagħhom vojta operati biss biex jinżammu s-slots tal-ajruporti sottostanti. L-emenda tippermetti lill-Kummissjoni biex sat-2 ta' April 2021 testendi d-durata tar-rinunzja b'att delegat wieħed jew aktar.

Skont l-Artikolu 10a(5) tar-Regolament dwar is-Slots, il-Kummissjoni għandha tissorvelja s-sitwazzjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sitwazzjoni tal-COVID-19 b'mod kontinwu sabiex tindirizza l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 10a(4), b'mod partikolari:

- It-tnaqqis fil-livell tat-traffiku tal-ajru bejn l-2019 u l-2020 (perġodu korrispondenti);
- It-tnaqqis fit-traffiku tal-ajru ġie kkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19
- It-tnaqqis fit-traffiku tal-ajru x'aktarx jipersisti fil-futur prevedibbli

Skont l-istess artikolu, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għaliha, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport sommarju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-15 ta' Settembru 2020 u, jekk ikun meħtieġ, għandha tadotta att delegat li jestendi d-durata tal-eżenzjoni.

¹ Il-Prestazzjoni Ekonomika tal-Industrija tal-Linji tal-Ajru – Ġunju 2020.

² L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ddikjaratha "Emerġenza tas-Saħħa Pubblika ta' Tħassib Internazzjonali" fit-30 ta' Jannar u pandemija fil-11 ta' Marzu [https://www.who.int/news-room/detail/30-01-2020-statement-on-the-second-meeting-of-the-international-health-regulations-\(2005\)-emergency-committee-regarding-the-outbreak-of-novel-coronavirus-\(2019-ncov\)](https://www.who.int/news-room/detail/30-01-2020-statement-on-the-second-meeting-of-the-international-health-regulations-(2005)-emergency-committee-regarding-the-outbreak-of-novel-coronavirus-(2019-ncov)) u <https://www.who.int/dg/speeches/detail/who-director-general-s-opening-remarks-at-the-media-briefing-on-covid-19---11-march-2020>

³ <https://www.eurocontrol.int/sites/default/files/2020-04/draft-performance-review-report-prr2019.pdf>; It-traffiku tal-merkanzija wkoll naqas b'mod drammatiku: L-IATA irrappurtat tnaqqis ta' 27.7 % fit-tunnellati-kilometri tal-merkanzija globali bejn April 2019 u April 2020 (Alan Dron, Aviation Daily, 1-4 ta' Ġunju 2020).

⁴ <https://www.aci-europe.org/european-airports-passenger-traffic-1-march-26-july-2020>.

Dan ir-rapport sommarju jivvaluta s-sitwazzjoni abbażi ta' *data* miġbura mill-EUROCONTROL, minn kampjun ta' linji tal-ajru li jirrappreżenta 70 % tat-traffiku totali fl-UE, mill-koordinaturi tas-slots u minn aġenti tal-ivvjaġġar; u abbażi ta' informazzjoni miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u mill-Istati Membri dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika u t-tbassir epidemjoloġiku, u dwar il-miżuri ta' konteniment meħuda.


2. Tnaqqis mingħajr preċedent fit-traffiku tal-ajru

a. Tnaqqis fil-livell tat-traffiku tal-ajru bejn l-2019 u l-2020 (perjodu korrispondenti)

Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, id-*data* dwar il-livelli tat-traffiku tal-ajru, l-użu tas-slots, il-fattur ta' tagħbija, u t-titjiriet ikkanċellati f'ġimgħa partikolari tal-2020 tqabblat mal-istess ġimgħa tal-2019.

Id-*data* tal-Eurocontrol tistabbilixxi l-bidu tat-tnaqqis fir-ritmu tat-traffiku fiż-ŻEE fil-ġimgħa 11 bi tnaqqis ta' 17 % meta mqabbel mal-istess ġimgħa fl-2019. Dan kompla jonqos malajr għal tnaqqis ta' 59 % u 82 % meta mqabbel mal-ġimgħat 12 u 13 tal-2019 rispettivament. L-aktar punti baxxi ġew irreġistrati fil-ġimgħat 15 u 16 (tnaqqis ta' 89 %). Wara, it-traffiku beda jiżdied gradwalment, iżda kien għadu biss f'26 % tal-livelli tal-2019 mit-22 ta' Ġunju 2020 (il-ġimgħa 26), tnaqqis ta' 74 % fit-traffiku meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Sa nofs Awwissu 2020, it-traffiku kien għadu bi tnaqqis ta' -47 % meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2019.


Illustrazzjoni 1.1



(sors: Eurocontrol)

B'riżultat tat-tnaqqis fit-traffiku, ir-rata tal-użu tas-slots naqset drastikament (illustrazzjoni 1.3) u l-kanċellazzjonijiet tat-titjiriet sparaw 'il fuq (illustrazzjoni 1.2) meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2019. Mill-ġimgħa 11 'il quddiem, jista' jiġi osservat tnaqqis kbir fl-użu tas-slots, li stabbilizza ruħu f'livell baxx ħafna mill-ġimgħa 14 'il quddiem u għadu taħt l-20 %. Il-kanċellazzjonijiet tat-titjiriet jibdeu jirkupraw mill-ġimgħa 9 u jkomplu jiżdiedu b'rata mgħaġġla mill-ġimgħa 11.


Illustrazzjonijiet 1.2 u 1.3



Sors (illustrazzjoni 1.2 u 1.3): Data miġbura mill-Kummissjoni mingħand it-trasportaturi tal-ajru⁵

Sadanittant, il-fattur ta' tagħbija medju għall-10 trasportaturi tal-ajru Ewropej li pprovdew data lill-Kummissjoni naqas minn 80 % fil-ġimgħa 9 għal 26 % fil-ġimgħa 15. Mhux biss it-trasportaturi tal-ajru qed itiru inqas, iżda l-ftit titjiriet li fadal għad għandhom ammont ta' sits mhux prenotati. Sal-ġimgħa 23, meta l-ivvjaġġar bl-ajru intra-UE kien reġa' nfetaħ b'mod sinifikanti, il-fattur ta' tagħbija medju rkupra għal 44 % u matul nofs Awwissu tela' għal 56 %. Matul l-istess ġimgħa fl-2019, il-fattur ta' tagħbija medju tal-istess trasportaturi tal-ajru varja minn 75 % (il-ġimgħa 4) għal 89 % (il-ġimgħa 26).

Illustrazzjoni 1.4



Sors: Data miġbura mill-Kummissjoni mingħand it-trasportaturi tal-ajru⁶

⁵ 9 trasportaturi tal-ajru (tradizzjonali, bi prezzijiet baxxi u reġjonali) ewlenin Ewropej ipprovdew lill-Kummissjoni bis-sett ta' data dwar l-użu tas-slots. Iċ-ċifri jirreferu għan-numru ta' slots operati meta mqabbel mas-slots miżmuma qabel il-bidu tal-istaġun (id-Data Storika tal-Linja Bażi). 10 trasportaturi tal-ajru ewlenin Ewropej (tradizzjonali, bi prezzijiet baxxi u reġjonali) ipprovdew lill-Kummissjoni bis-sett ta' data dwar it-titjiriet ikkanċellati.

b. It-tnaqqis fit-traffiku tal-ajru għe kkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19

Il-marda tal-coronavirus 2019 infirxet mad-dinja kollha, b'każijiet fil-ħames kontinenti. Filwaqt li r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar ġeneralment mhumieq meqjusin mid-WHO u mill-ECDC bħala l-iktar mod effettiv biex tiġi miġġielda l-pandemija, kemm id-WHO flimkien mal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) kif ukoll l-ECDC issuġġerew li restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar għal żmien qasir jistgħu jikkontribwixxu għall-konteniment tat-tifqigħa.⁷ Ħafna pajjiżi wiegħbu għat-tifqigħa tal-COVID-19 billi introduċew projbizzjonijiet fuq it-titjiriet u restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, li wħud minnhom għadhom fis-seħħ sal-lum⁸. Dan ħalla impatt qawwi fuq l-ivvjaġġar bl-ajru internazzjonali billi r-restrizzjonijiet li jawtorizzaw "ivvjaġġar essenzjali" biss irażżnu d-domanda għal livell fejn il-biċċa l-kbira tar-rotot ma jistgħux jibqgħu jiġu operati kummerċjalment⁹.

Il-projbizzjonijiet tat-titjiriet intra-UE kienu ġġustifikati mill-Istati Membri bħala miżura biex jiġi kontenut it-tixrid tal-COVID-19, it-tħassib li l-miżuri adottati minn xi pajjiżi wrew li ma kinux effiċjenti biżżejjed, u d-data statistika tad-WHO u tal-ECDC dwar l-għadd ta' każijiet godda¹⁰. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u t-titjiriet kien ivarja¹¹. Sabiex tippromwovi kontinwazzjoni fl-operat tas-servizzi tal-merkanzija, matul il-pandemija tal-COVID-19 il-Kummissjoni introduċiet linji gwida għall-iffaċilitar tal-operazzjonijiet tal-merkanzija bl-ajru¹². L-ogħla livell tal-projbizzjonijiet fuq it-titjiriet bejn l-Istati Membri għe rreġistrat matul il-perjodu mill-20 ta' Marzu sas-26 ta' Marzu 2020, li matulu 20 Stat Membru introduċew projbizzjonijiet fuq it-titjiriet¹³. Minn hemm 'il quddiem, kien hemm tnaqqis bil-mod, fil-31 ta' Marzu, 16-il Stat Membru kellhom projbizzjonijiet fuq it-titjiriet u fis-6 ta' April, 14-il Stat Membru. Mis-7 ta' Lulju, 7 Stati Membri għandhom projbizzjonijiet fuq it-titjiriet lejn flit pajjiżi speċifiċi li għandhom rata ogħla ta' każijiet tal-COVID-19¹⁴.

Fir-rigward ta' titjiriet barra l-UE, fis-16 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni¹⁵ li tirrakkomanda restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali minn pajjiżi terzi fiż-żona tal-UE+¹⁶ għal xahar. Fis-17 ta' Marzu 2020, il-Kaprijiet ta' Stat jew tal-Gvern tal-UE qablu li

⁶ 10 trasportaturi tal-ajru ewlenin Ewropej (tradizzjonali, bi prezzijiet baxxi u reġjonali) ipprovdew lill-Kummissjoni bis-sett ta' data dwar il-fatturi ta' tagħbija.

⁷ <https://www.icao.int/Security/COVID-19/Pages/default.aspx>,

<https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/documents/Considerations-related-to-measures-for-travellers-reduce-spread-COVID-19-in-EUEEA.pdf>

⁸ Fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar għal perjodu ta' żmien twil, dawn normalment ma jkunux effettivi ladarba jidħlu fis-seħħ miżuri xierqa ta' konteniment.

⁹ Muri mit-tnaqqis fit-traffiku deskritt fit-taqsim a. u r-raġuni għaliex qabelxejn ġiet introdotta l-eżenzjoni.

¹⁰ L-ICAO tirrikjedi li restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar li għandhom effetti sinifikanti fuq it-trasport internazzjonali bl-ajru jiġu nnotifikati lid-WHO. Fl-UE, ir-Regolament 1008/2008 jirrikjedi li l-projbizzjonijiet fuq it-titjiriet fiż-ŻEE jiġu nnotifikati lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. Għandhom ikunu proporzjonati, mhux diskriminatorji u ġġustifikati.

¹¹ Il-projbizzjonijiet jistgħu jiġu diretti lejn Stat Membru wieħed jew aktar, jistgħu jkopru t-titjiriet kollha, jew it-titjiriet kollha esklużi t-titjiriet ta' ripatrijazzjoni, it-titjiriet tal-merkanzija, it-titjiriet statali, eċċ.

¹² Linji Gwida tal-Kummissjoni Ewropea: L-Iffaċilitar tal-Operazzjonijiet tal-Merkanzija bl-Ajru waqt it-tifqigħa tal-COVID-19, adottat fis-26 ta' Marzu 2020. <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1597918301932&uri=CELEX%3A52020XC0327%2803%29>

¹³ Ir-restrizzjonijiet jistgħu jinkludu wkoll projbizzjonijiet għal titjiriet lejn/minn pajjiżi mhux taż-ŻEE.

¹⁴ L-informazzjoni dwar l-istatus attwali tal-projbizzjonijiet fuq it-titjiriet tinsab hawnhekk: https://ec.europa.eu/transport/coronavirus-response_en?modes=3845&category=3800

¹⁵ COM(2020) 115, is-16 ta' Marzu 2020.

¹⁶ Iż-“żona UE+” tinkludi l-Istati Membri kollha ta' Schengen (inkluż il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija), kif ukoll l-erba' Stati Assoċjati ma' Schengen.

jimplimentaw ir-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali. L-erba' Stati Assoċjati ma' Schengen implimentawha wkoll. Minn dakinhar 'l hawn, din ir-restrizzjoni ġiet estiża diversi drabi.

Lil hinn mill-ambjent regolatorju, il-fiduċja tal-konsumaturi hija fattur ewlieni relatat mal-pandemija li jaffettwa l-livelli tat-traffiku u li jissuġġerixxi rabta bejn tnaqqis fit-traffiku tal-ajru u t-tifqigħa tal-COVID-19. S'issa għad m'hemmx wisq *data* dwar dan. L-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika Irlandiż wettaq sħarriġ dwar il-fiduċja tal-passiġġieri fl-ivvjaġġar bl-ajru. Kważi erbgħa minn kull ħamsa (78.0 %) minn dawk li wiegħbu rrapportaw li jħossuhom "skomdi" jew "skomdi ħafna" bil-prospett li jagħmlu vjaġġ internazzjonali bl-ajruplan¹⁷.

Ir-rapporti ekonomiċi tal-IATA dwar il-kriżi li ġew ippubblikati regolarment juru li minn Frar 2020, sena wara sena, il-prenotazzjonijiet naqsu b'rata dejjem ogħla sa nofs April. Minn dakinhar 'l hawn, irkupraw xi ftit iżda għadhom bi tnaqqis ta' 82 % sa mill-aħħar ta' Ġunju 2020. Jidher li hemm korrelazzjoni bejn iż-żieda fil-każijiet ġodda u t-tnaqqis fil-prenotazzjonijiet¹⁸. Barra minn hekk, l-IATA kienet qed tikkummissjona sħarriġ regolari dwar il-fiduċja tal-passiġġieri minn mindu bdiet it-tifqigħa tal-COVID-19. F'April, madwar 60 % tar-rispondenti indikaw li probabbli li jerġġu lura għall-ivvjaġġar fi żmien ftit xhur minn meta tkun battiet il-pandemija. F'Ġunju, din iċ-ċifra niżlet għal 45 %. Ir-rispondenti jindikaw li se jistennew minn 6 xhur sa sena qabel ma jerġġu jibdwew jivvjaġġaw. Għalhekk, in-nuqqas ta' fiduċja tal-konsumaturi huwa mistenni li jkompli għax-xhur li ġejjin.

Dak li ntqal hawn fuq juri rabta qawwija bejn it-tnaqqis fit-traffiku tal-ajru u t-tifqigħa tal-COVID-19.

c. It-tnaqqis fit-traffiku tal-ajru x'aktarx jipersisti fil-futur prevedibbli

Fiċ-ċirkostanzi attwali, huwa diffiċli li jsir tbassir stabbli tal-evoluzzjoni tal-livelli tat-traffiku. Ix-xenarji żviluppati mill-EUROCONTROL¹⁹ (skont approċċ ikkoordinat²⁰ jew mhux ikkoordinat għall-irkupru, rispettivament) jistmaw, skont ix-xenarju ta' approċċ aktar ottimist u kkoordinat, li l-livelli tat-traffiku tal-ajru se jogħlew gradwalment mill-aktar punt baxx tagħhom f'April 2020 għal tnaqqis ta' 50 % f'Awwissu 2020 meta mqabbel ma' Awwissu 2019, u tnaqqis ta' 15 % fi Frar 2021 meta mqabbel ma' Frar 2020. Mit-30 ta' Lulju, fit-tbassir ekonomiku tagħha, l-IATA tistenna li d-dħul passiġġieri-kilometri (RPK)²¹ se jonqos bi ftit aktar minn 60 % fl-2020 meta mqabbel mal-2019, u li r-ritorn għal-livelli ta' qabel il-COVID-19 mhuwiex se jseħħ qabel l-2024²².

¹⁷ <https://www.cso.ie/en/releasesandpublications/ep/p-sic19cler/socialimpactofcovid-19surveyjune2020measuringcomfortlevelsaroundtheeasingofrestrictions/> Ta' min jinnota li l-Irlanda għandha fis-seħħ kwarantina għall-vjaġġaturi internazzjonali kollha li jaslu fl-Irlanda. Dan għandu impatt fuq il-perċezzjoni tal-pubbliku dwar is-sikurezza tat-titjir.

¹⁸ <https://www.iata.org/en/iata-repository/publications/economic-reports/Flexibility-will-be-critical-to-restart/> slajd 4.

¹⁹ <https://www.eurocontrol.int/sites/default/files/2020-04/eurocontrol-aviation-recovery-factsheet-27042020.pdf>

²⁰ Ix-Xenarju tal-"Miżuri Kkoordinati" huwa bbażat fuq il-preżenza ta' approċċ komuni li jdaħħal fis-seħħ proċeduri operazzjonali u li jneħħi r-restrizzjonijiet nazzjonali. Ix-Xenarju tal-"Miżuri Mhux Ikkoordinati" jassumi li dan l-approċċ komuni ma jimmaterjalizzax.

²¹ Id-dħul passiġġieri kilometri jfisser l-ammont totali tal-prodotti miksuba billi l-għadd ta' passiġġieri bi hłas li jinġarru fuq kull stadju tat-titjira jiġi mmultiplikat mad-distanza tal-istadju. Iċ-ċifra li tirriżulta hija ugħali għall-għadd ta' kilometri vjaġġati mill-passiġġieri kollha bi hłas. https://ext.eurocontrol.int/lexicon/index.php/Revenue_passenger-kilometres

²² <https://www.iata.org/en/iata-repository/publications/economic-reports/Five-years-to-return-to-the-pre-pandemic-level-of-passenger-demand/>

Il-fatturi li se jkollhom impatt fuq kif jevolvu l-livelli tat-traffiku tal-ajru huma r-restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar, ix-xejriet tal-prenotazzjoni tal-konsumaturi, u l-miżuri regolatorji tas-saħħa imposti fuq l-industrija. Dawn huma relatati mill-qrib mal-possibbiltà ta' żieda mill-ġdid tal-każijiet u man-nuqqas attwali ta' vaċċin. Il-previżjonijiet kollha huma affettwati minn livell għoli ta' inċertezza.

Fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, kif deskritt fit-taqsimi b, l-għadd ta' projbizzjonijiet fuq it-titjiriet intra-UE bħalissa qed jonqos. Il-Kummissjoni rrakkomandat lill-Istati Membri ta' Schengen u lill-Istati Assoċjati ma' Schengen biex ineħħu l-kontrolli fil-fruntieri interni sal-15 ta' Ġunju 2020, u dan irriżulta f'żieda fit-traffiku tal-passiġġieri ta' skedi kummerċjali (ara l-Illustrazzjoni 1.1). Mill-1 ta' Lulju 'l quddiem, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-parir dwar l-awtorizzazzjoni ta' vjaġġar mhux essenzjali lejn u minn lista inizjali ta' pajjiżi terzi, li għandha tiġi riveduta regolarment. Madankollu, filwaqt li huwa mistenni titjib kontinwu fit-traffiku tal-ajru matul il-perjodu tas-sajf Ewropew minħabba li se jitneħħew ir-restrizzjonijiet, it-tieni mewġa ta' każijiet, kif kien evidenti fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u f'diversi postijiet fl-UE, tista' twassal għal tnaqqis imġedded fit-traffiku tal-ajru. Fil-fatt, filwaqt li qed jiġu osservati tendenzi ta' tnaqqis fl-inċidenza tal-mard b'mod ġenerali²³ fl-Ewropa, għadha qed tiġi rrapportata trażmissjoni komunitarja fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE u xi wħud qed jesperjenzaw żieda mill-ġdid ta' każijiet jew ta' tifqigħat lokalizzati kbar²⁴. Hemm ukoll preċedent storiku li juri li l-pandemiji jiżviluppaw f'bosta mewġiet. Dan jista' jwassal għall-impożizzjoni mill-ġdid tal-projbizzjonijiet u għal tnaqqis fit-traffiku tal-ajru.

Fir-rigward tad-domanda futura għat-traffiku tal-ajru u l-fiducia tal-konsumatur, il-partijiet ikkonċernati li ġew ikkuntattjati mill-Kummissjoni (linji tal-ajru, aġenti tal-ivvjaġġar, sistemi ta' prenotazzjoni kompjuterizzata) iddikjaraw li huwa diffiċli ħafna li jsiru projezzjonijiet għal wara l-istaġun ta' skedar tax-xitwa 2020/2021. Filwaqt li l-linji tal-ajru ta' qabel il-COVID-19 diġà jistgħu joffru skedi għas-sena li ġejja, il-linji tal-ajru bħalissa qed jiffaċċjaw diffikultajiet biex jipprevedu skedi għall-istaġun li jmiss. Il-linji tal-ajru qed iżommu l-iskedi tat-titjiriet taħt reviżjoni kostanti, biex jirreaġixxu għal bidliet imprevedibbli fir-restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar jew tat-titjiriet u għad-domanda tal-passiġġieri li hi diffiċli biex tiġi prevista²⁵.

Id-data dwar il-prenotazzjonijiet tal-passiġġieri turi li l-prenotazzjonijiet ta' kull xahar sa Marzu 2021 għadhom ħafna aktar baxxi meta mqabbel mal-istess xahar tas-sena ta' qabel. Għalkemm il-prenotazzjonijiet intra-UE bdew jiżdiedu għas-sajf 2020, il-linji tal-ajru ma jidhrux li jistgħu jilhqnu l-livell tas-snin preċedenti minħabba l-fatt li matul perjodu ta' tliet xhur ma saru l-ebda prenotazzjonijiet. Wieħed għad irid jara jekk din id-domanda ntilfix jew jekk tistax tiġi rkuprata aktar qrib id-data tal-operazzjonijiet aktar tard fl-istaġun²⁶. Ir-rati ta' prenotazzjonijiet għal titjiriet barra mill-UE huma saħansitra aktar baxxi.

²³ Il-ġimgħa 25/2020 - <https://www.ecdc.europa.eu/en/covid-19/surveillance/weekly-surveillance-report>

²⁴<https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/documents/RAA-Resurgence-of-reported-cases-of-COVID-19-in-the-EU-EEA.pdf>. F'għadd ta' pajjiżi, il-kurva għall-każijiet irrappurtati qed terġa' togħla 'l fuq (pereżempju, fil-Portugall, fl-Iżvezja, fil-Kroazja, fil-Lussemburgu).

²⁵ Il-linji tal-ajru jridu jippjanaw u jħejju għal diversi xenarji fin-nuqqas ta' xejriet ċari dwar l-imġiba tal-konsumatur, l-evoluzzjoni tal-marda, u l-illaxkar tar-regoli dwar l-użu tas-slots. Dan iwassal għal deċiżjonijiet subottimali dwar l-ispejjeż għall-infrastruttura, ix-xogħol u l-kummerċjalizzazzjoni. Anke f'sena normali, l-istaġun tax-xitwa huwa wieħed ta' sfida akbar għal-linji tal-ajru, li normalment jagħmlu ħafna mill-profitti tagħhom matul l-istaġun tas-sajf. Din is-sena, mingħajr il-protezzjoni ta' staġun tas-sajf bi profitt warajhom, il-prospetti għal-linji tal-ajru għax-xitwa jidhru ta' sfida.

²⁶ Il-linji tal-ajru jindikaw li l-prattiki tal-prenotazzjoni tal-konsumaturi nbidlu. Qabel, il-konsumaturi kienu jipprenotaw minn xhur qabel, filwaqt li issa b'riżultat ta' tnaqqis fil-prevedibbiltà u l-kunfidenza fl-ivvjaġġar, il-prenotazzjonijiet qed iseħħu ħafna aktar tard. L-informazzjoni pprovduta mill-IATA tissuġġerixxi li madwar 60 % tal-prenotazzjonijiet issa

Fir-rigward ta' miżuri regolatorji oħrajn tas-saħħa, bħala parti mill-istrateġija ta' hrugħ, qed jiġu implimentati miżuri sanitarji fl-avjazzjoni bħal dawk ibbażati fuq il-linji gwida tal-EASA/ECDC²⁷. Il-miżuri dwar it-tbeġid u d-diżinfettar tal-ispazji jistgħu jnaqqsu l-ammont ta' passiġġieri u ta' titjiriet li jistgħu jilqgħu l-ajruporti, meta mqabbel mas-sitwazzjoni qabel it-tifqigħa. Dawn jistgħu jnaqqsu temporanjament jew b'mod dejjiemi l-kapaċità effettiva tal-ajruporti (u b'hekk in-numri tas-slots) meta mqabbel mas-sitwazzjoni qabel il-COVID-19.

B'riżultat ta' dan, il-linji tal-ajru qegħdin iżidu biss gradwalment il-kapaċità offruta lis-suq, billi tipikament jaqdu għadd sinifikanti ta' rotot meta mqabbel mal-2019 iżda bi frekwenza ħafna aktar baxxa, u b'hekk, b'użu mnaqqas tas-serje tas-slots.

Dak li ntqal hawn fuq jissuġġerixxi li l-livelli tat-traffiku tal-ajru fl-2020 mhux se jergħu lura għal-livelli tal-2019. Il-prospettiva lil hinn mill-2020 hija inċerta ħafna, iżda x-xejra taż-żieda mill-ġdid fil-każijiet u l-ħtieġa li jinżammu miżuri sanitarji ta' konteniment jissuġġerixxu li t-traffiku tal-ajru mhuwiex se jilħaq il-livelli tal-2019 fil-futur qarib.

3. Iż-żamma tal-aħjar użu possibbli tal-kapaċità tal-ajruporti

Minn meta ġiet adottata l-eżenzjoni tas-slots, il-Kummissjoni kienet f'kuntatt mill-qrib mal-gruppi ewlenin tal-partijiet ikkonċernati, il-linji tal-ajru, l-ajruporti u l-koordinaturi tas-slots biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-miżura. Dan wera li l-miżura rriżultat f'ċerti nuqqasijiet.

L-għoti lura minn qabel tas-slots

L-Artikolu 10a(3) tar-Regolament dwar is-Slots fil-verżjoni tar-Regolament (UE) 2020/459 jagħmel l-eżenzjoni skont dan l-Artikolu kondizzjonali għat-trasportatur tal-ajru kkonċernat li jagħmel is-slots mhux użati disponibbli għall-koordinatur, għar-riallokazzjoni għal trasportaturi oħra. Filwaqt li l-premessa 7 tirreferi għall-kunċett li t-trasportaturi jaġixxu "mingħajr dewmien", l-Artikolu 10a(3) ma jistabbilixxi l-ebda limitu ta' żmien speċifiku. F'ittra tas-16 ta' April 2020 lil-linji tal-ajru, lill-ajruporti u lill-koordinaturi tas-slots, is-servizzi tal-Kummissjoni ħeġġew bil-qawwa lit-trasportaturi biex jagħtu lura s-slots mill-inqas ġimagħtejn qabel il-jum oriġinarjament ippjanat tal-operat. L-għan kien li jiġi ppreservat bis-siġħ l-oġġettiv tal-eżenzjoni, filwaqt li, fejn possibbli, jiġi ottimizzat l-użu tal-kapaċità tal-ajruporti. It-trasportaturi tal-ajru li joffru s-slots fi stadju bikri biżżejjed ma jtilfux id-drittijiet storiċi tagħhom, filwaqt li l-kapaċità tal-ajruporti ma tinħeliex bla bżonn. Hemm xi esperjenzi li juru l-benefiċċji ta' dan. Pereżempju, l-operazzjonijiet tal-merkanzija setgħu jagħmlu użu minn slots mogħtija lura minn trasportaturi tal-ajru li normalment kienu jużawhom għas-servizzi tal-passiġġieri. Bosta linji tal-ajru li jipprovdu feedback lill-Kummissjoni ddikjaraw li setgħu jitolbu slots mill-grupp tas-slots mingħajr diffikultà, li joffru servizzi f'ħinijiet differenti jew, f'xi każijiet, li joffru servizzi għal rotot ġodda.

qed isiru fil-ġimagħtejn qabel l-operazzjoni, filwaqt li meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2019, aktar minn 60 % tal-prenotazzjonijiet saru bejn aktar minn 20 jum sa 11-il jum qabel.

²⁷ https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/documents/EASA-ECDC_COVID-19_Operational-guidelines-for-management-of-passengers-issue-2.pdf

L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Koordinaturi tal-Ajruporti (EUACA, European Airport Coordinators Association) mmonitorjat il-prattika u t-twaqqit tal-għoti lura tas-slots f'għadd ta' ajruporti²⁸. Id-data miġbura turi li kanċellazzjonijiet tard ħafna u l-għoti lura tas-slots, inqas minn ġimgħa qabel, saru l-iktar mil-linji tal-ajru għal titjiriet skedati f'Marzu. It-trasportaturi tal-ajru bdew jagħtu s-slots lura gradwalment minn qabel, u sa nofs Ġunju 2020, il-maġġoranza tas-slots fl-ajruporti magħżula kienu nġhataw lura bejn 3 ġimgħat qabel id-data skedata tal-operazzjonijiet u anke qabel, iżda porzjon sinifikanti minnhom (34.6 %) xorta nġhata lura aktar tard²⁹.

Filwaqt li għall-operazzjonijiet tal-merkanzija l-partijiet ikkonċernati ġeneralment indikaw li tali operazzjonijiet setgħu jiġu ppjanati ftit qabel, għal titjiriet kummerċjali tal-passiġġieri kien hemm kunsens wiesa' li hemm bżonn ta' aktar żmien biex dawn jiġu ppjanati. Minn naħa waħda, dan jissuġġerixxi li jekk il-linji tal-ajru jagħtu s-slots lura b'mod konsistenti u kmieni biżżejjed minn qabel, forsi aktar linji tal-ajru jkunu jistgħu jippjanaw u jużaw daww is-slots fuq bażi temporanja biex joperaw servizzi differenti. Dan ikun ta' benefiċċju għall-passiġġieri u b'mod aktar ġenerali għaż-żamma tal-konnettività. Min-naħa l-oħra, uħud mil-linji tal-ajru jirrimarkaw li l-imġiba tal-prenotazzjoni tal-passiġġieri nbidlet b'mod sinifikanti u, kif spjegat hawn fuq, il-passiġġieri issa jiddeċiedu fi żmien erba' ġimgħat qabel il-jum skedat tal-operazzjoni jekk għandhomx jipprenotaw titjira jew le. Dawn il-linji tal-ajru jargumentaw li ma għandhomx biżżejjed viżibbiltà tal-fattur ta' tagħbija ta' titjira, erba' ġimgħat qabel biex jieħdu deċiżjoni infurmata dwar jekk joperawx jew jekk jagħtux lura s-slot.

Id-diffikultà għall-ajruporti, u għall-fornituri tas-servizzi tal-ajruporti biex jippjanaw l-operazzjonijiet b'mod effettiv

L-ajruporti li jipprovdu l-feedback lill-Kummissjoni argumentaw li qrib id-data ppjanata li fiha s-slots tal-operazzjonijiet huma rritornati, ikun aktar diffiċli u għali għalihom biex jippjanaw l-operat tagħhom. L-ippjanar jinvolvi kunsiderazzjonijiet dwar il-persunal, il-ftuħ tal-infrastruttura u servizzi relatati (pereżempju tagħmir u persunal tas-sigurtà, il-kapaċità tat-terminal, l-operazzjonijiet tal-pont tal-ajru, il-persunal tat-tindif, l-elettriku, is-sistemi tal-IT). Volumi ta' traffiku aktar baxxi milli mistenni se jirriżultaw fi spejjeż oġġla iktar milli meħtieġ għall-ajruporti, filwaqt li volumi oġġla ta' traffiku f'qasir żmien jistgħu jirriżultaw f'nuqqas ta' persunal u diffikultà fl-ippjanar tat-tbeggid soċjali u tal-miżuri sanitarji. It-tnejn li huma jirriżultaw fi spejjeż sinifikanti għall-ajruporti.

Riskji li l-kompetizzjoni tiġi eskluża mill-ajruporti

L-allokazzjoni tas-slots għall-istaġun ta' skedar għax-xitwa 2020/2021 se tkun seħħet bl-għarfien li l-istaġun se jkun immarkat bħala wieħed ta' rkupru mill-effetti tal-coronavirus u li fix-xhur li ġejjin jista' jkun hemm aktar bidliet imprevedibbli fid-domanda. Il-linji tal-ajru li huma konxji mill-possibbiltà ta' estensjoni tal-eżenzjoni matul il-perjodu tal-allokazzjoni tas-slots jistgħu jitolbu slots bil-għan li jżidu l-portafoll tas-slots tagħhom. Il-linji tal-ajru jistgħu jitolbu għadd ta' slots oġġla min-numru li jikkorrispondi għad-drittijiet storiċi tagħhom. Bis-saħħa tal-eżenzjoni, ma jkunx hemm bżonn li joperawhom biex jinkisbu l-istess slots fl-istaġun ekwivalenti li jmiss. Barra minn hekk, minflok ma jiġu liberati s-slots li ma jkunux qed jintużaw, dawn jistgħu jeskludu d-dħul fis-suq mill-

²⁸ Id-data nġabret mill-EUACA mill-ajruporti li ġejjin: Amsterdam (NL); Arlanda, Stokkolma (SE); Barċellona, Palma de Mallorca, Madrid, Las Palmas (ES); Brussell (BE); Paris Charles de Gaulle. Lyon, Nizza, Nantes (FR); Düsseldorf, Frankfurt (DE); Faro, Funchal, Lisbona, Porto, Ponta Delgada (PT); Graz Innsbruck, Klagenfurt, Linz, Vjenna, Salzburg (AT); Helsinki (FI); Heraklion (EL); Krakovja, Varsavja (PL); Larnaca (CY); London Heathrow, London Stansted (UK); Oslo (NO); Praga (CZ); Sofija (BG)

²⁹ <https://www.euaca.org/FNewsDetail.aspx?id=388&popup=1>

kompetituri. Dan huwa partikolarment problematiku fejn il-linji tal-ajru diġà ħabbru li ma għandhomx l-intenzjoni li joperaw is-slots tagħhom jew li ma jistgħux jibqgħu joperawhom minħabba li ddeċidew li jnaqqsu b'mod permanenti l-flotta u l-persunal tagħhom.

Valutazzjoni tas-sitwazzjoni għandha tindirizza wkoll ir-riskju li l-istaġuni li ġejjin jistgħu jaraw tnaqqis strutturali fil-kapaċità mqiegħda fis-suq mil-linji tal-ajru, kemm jekk permezz tal-irtirar tal-inġenji tal-ajru kif ukoll bħala riżultat tal-ħruġ mis-suq. Is-suq jista' jstabbilizza f'livell aktar baxx minn dak li deher fl-2019, u tqum il-mistoqsija dwar f'liema punt il-linji tal-ajru għandhom ikunu meħtieġa li jadattaw għas-sitwazzjoni tat-traffiku mnaqqas ikkawżat mill-pandemija permezz tal-impożizzjoni mill-ġdid tar-regola 80/20 tużah jew titilfu.

4. Konklużjonijiet

F'dan il-mument, minkejja żieda gradwali, il-livelli tat-traffiku tal-ajru xorta għadhom baxxi meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2019. Minkejja d-diffikultajiet fit-tbassir preċiż tal-perkors tal-irkupru tal-livelli tat-traffiku tal-ajru, huwa raġonevoli li wieħed jistenna li mhux se jerġa' lura għal-livelli ta' qabel il-COVID-19 fil-futur qrib. Ir-restrizzjonijiet tal-gvern fuq l-ivvjaġġar u fuq titjiriet lejn/minn ċerti destinazzjonijiet, il-miżuri sanitarji li jippermettu vvjaġġar sikur u l-fiduċja tal-konsumatur se jkunu fatturi ewlenin. It-tnaqqis fir-ritmu tat-traffiku u t-triq tal-irkupru huma marbutin mill-qrib mat-tifqigħa tal-COVID-19. Il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 10a(4) deskritti fl-introduzzjoni għall-estensjoni tal-eżenzjoni permezz ta' att delegat lil hinn mill-istaġun ta' skedar għas-sajf 2020 għalhekk huma ssodisfati.

Madankollu, ġew identifikati ċerti nuqqasijiet fil-funzjonament tal-miżuri attwali li jistgħu jirrikjedu aktar riflessjoni dwar ir-rispons ta' politika xieraq.

Il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- hemm bżonn li r-regola tużah jew titilfu tkompli tiġi llaxkata wara l-istaġun ta' skedar għas-sajf tal-2020.
- għad hemm inċertezza konsiderevoli dwar l-evoluzzjoni futura tal-pandemija u għalhekk ukoll dwar it-triq lejn l-istabbilizzazzjoni tal-livelli u x-xejriet tat-traffiku lil hinn mill-2020, speċifikament f'perspettiva aktar fit-tul. Għalhekk, jista' jkun hemm bżonn ta' intervent regolatorju ulterjuri li jmur lil hinn milli sempliċement jestendi d-durata tal-eżenzjoni permezz ta' att delegat.
- F'tali perspettiva aktar fit-tul, l-illaxkar tar-regola tużah jew titilfu jista' jkollu bżonn jiġi mfassal b'tali mod li jimminimizza kwalunkwe impatt distorsiv fuq is-suq, u li jippromwovi l-aħjar użu possibbli tal-kapaċità limitata tal-ajruporti filwaqt li jiżgura li ma jwassalx għal emissjonijiet addizzjonali ta' gassijiet serra minħabba titjiriet vojta jew li huma fil-biċċa l-kbira vojta operati biss għall-iskop taż-żamma tas-slots tal-ajruport sottostanti.

Il-Kummissjoni se testendi l-illaxkar tar-regoli dwar l-użu tas-slots permezz ta' att delegat sal-punt iġġustifikat mis-sitwazzjoni osservata.

Għal kwalunkwe azzjoni f'perspettiva aktar fit-tul, se tkompli tikkonsulta l-partijiet ikkonċernati dwar l-implimentazzjoni u n-nuqqasijiet tal-eżenzjoni tas-slots biex tiddetermina rispons politiku xieraq.